**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa B'Urgenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 63

Il-Hamis 29 ta' Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fis-6:30 ta' wara nofs in nhar.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

| | |
|---|---|
| 63.1 | Il-Binja tal-Kunsill Lokali |
| 63.1.2 | Is-Sindku beda billi nforma lill-Kunsilliera preżenti li l-Inġiniera tal-Enemalta issottomettew minuti lill-Kunsill ta' Marsaxlokk fir-rigward tal-*Air Monitoring Station* hekk kif eżatt ġie mitlub mill-istess Kunsill, sabiex din titneħħa minn fuq il-Binja tal-Kunsill. Is-Sindku qara estratt minn dawn il-minuti u spjega li fl-20 ta' Diċembru 2011 kienet inżammet laqgħa f'*Hexagon House* rigward l-*Air Monitoring Station*. Is-Sindku żied jgħid li f'din il-laqgħa kien hemm preżenti Perit, Inġiniera u rappreżentant wiehed għal-lokalitajiet ta' Birżebbuġa, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill li x'aktarx ir-rappreżentant kien imqabbad mill-istess Kunsill Lokali, imma fil-minuti ta' Marsaxlokk ta' dak iż-żmien ma' instab xejn meta mfittxija minnu stess u mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-istess laqgħa imsemmija kien ġie deċiż li l-*Air Monitoring Station* tiġi installata fuq il-Binja tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma nstabet l-ebda dikjarazzjoni li l-Kunsill ta' Marsaxlokk approva din l-*Air Monitoring Station* sabiex tiġi installata fuq il-Binja tal-Kunsill u żied jgħid li ma instabet l-ebda kitba li tindika meta ser titneħħa.<br><br>Is-Sindku preżenta r-rapport tal-Perit li qabbad il-Kunsill Lokali sabiex tiġi spezjonata l-Binja tal-Kunsill. Is-Sur Horace Gauci żied jgħid li llum, 29 ta' Novembru 2018, inzammet laqgħa u spezzjoni mill-Perit responsabbli mill-*Air Monitoring Station* u l-Inġiniera tal-Enemalta. Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018 kellha ssir konsulta bejn il-Perit imqabbad mill-Kunsill u l-Perit responsabbli mill-*Air Monitoring Station*.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsilliera jekk isibux oġġezzjoni li tiġi eżaminata l-ġebla tal-Binja u dan sabiex ir-rapport ma' jkunx viżwali biss. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera preżenti, ir-rikjesta tas-Segretarju Eżekuttiv ġiet approvata.<br><br>Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-binarju tal-kera tal-Binja tal-Kunsill li qed tgħola kull sena u li l-kuntratt wasal sabiex jiskadi f'Diċembru 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sid il-kera trid tgħolli l-kera b'elf u mitejn Ewro oħra fis-sena (€1,200). Is-Sa Emma Vella talbet lill-Kunsilliera sabiex jiddeċiedu jekk hux se jaċċettaw l-għoli tal-kera jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid ukoll li mhux legalment permissibli li l-kera togħla kif ġieb u laħaq imma għandha togħla skont l-għoli tal-ħajja. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li s-sid taf ma taċċettax li ma nagħtuhiex żieda u skont il-kuntratt tista' tavżana li fi żmien sitt xhur il-Kunsill irid iżarma mill-Binja preżenti. Wara diskuzzjoni libera ġie deċiż li l-Kunsilliera għandhom jiltaqgħu ma' sid il-kera u jiddiskutu din il-materja magħha.<br><br>Wara diskussjoni libera rigward is-suġġett imsemmi f'dawn il-minuti, il-Kunsill Lokali ħa vot fuq il-materja, liema vot kien wieħed unanimu, fejn fost il-Kunsilliera preżenti kien hemm qbil assolut li għandu jsir eżami tal-Binja tal-Kunsill minn esperti mill-aktar fis possibli u minn hemm jiġi deċiż u determinat jekk il-Kunsill għandux jibqa' jopera mill-Binja preżenti. Il-Kunsill qabel ukoll li l-*Air Monitoring Station* għandha titneħħa mill-aktar fis possibli. |

| | |
|---|---|
| 63.1.3 | Il-laqgħa intemmet fit-8:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2018.

IFFIRMATA IFFIRMATA

_________________ _________________

Horace Gauci
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv